# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 27 ta' April, 2001**

**Numru  63**

**Citaz.  numru:  271/96 M2 NA**

**Mary Grech f'isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem* ta' uliedha minuri Daniela u Justine ahwa Grech**

**vs**

**Nazzareno sive Reno Grech**

**Il-Qorti,**

Dan id-digriet gie provokat b'rikors ta' l-attrici tal-25 ta' Ottubru 1999 fejn titlob, ghar-ragunijiet hemm moghtija, lill-Qorti:

(a) tordna li l-konvenut jigi eskluz mill-amministrazzjoni tan-negozju kollu tal-familja nkluz l-amministrazzjoni ta' l-ishma fis-socjeta' Merger Enterprises Ltd. u n-negozju

ezercitat minnha, u li l-istess amministrazzjoni tghaddi ghal kollox, jew kif tista' tipprovdi xort'ohra din il-Qoti, f'idejn l-esponenti;

(b) tordna wkoll li l-konvenut ma jkunx jista' jaghmel dejn ta' kwalsiasi natura minghajr l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti;

(c) taghti ordni jew provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Din it-talba hija bbazata b'mod partikolari fuq l-Artikolu 1325 tal-Kodici Civili.

Ghal dan ir-rikors saret ir-risposta tal-konvenut fl-24 ta' Novembru 1999 fejn, ukoll ghar-ragunijiet hemm moghtija, jitlob lill-Qorti tichad it-talbiet attrici.

Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2000 xehed estensivament il-konvenut. Huwa pero' ma deherx ghad-differiment tat-22 ta' Gunju 2000 kif anqas ma deher id-difensur tieghu. F'din is-seduta xehdet l-attrici. L-intimat qatt ma rega' deher fis-seduti tal-1 ta' Settembru, 5 ta' Ottubru, 12 ta' Ottubru, 27 ta' Ottubru (fejn Dr. Martin Fenech irrinunzja ghall-patrocinju tieghu), 28

ta' Novembru 2000 u f'dawk tad-19 ta' Jannar u 23 ta' Frar, 2001 fejn ir-rikors gie ttrattat mid-difensur ta' l-attrici u differiet ghall-provvediment, liema provvediment sejjer jinghata llum. Jinghad illi ghal xi zmien l-attrici wkoll uriet kwazi l-istess nuqqas ta' interess fir-rikors promotur taghha daqs in-nuqqas muri mill-konvenut. Dan in-nuqqas pero' gie spjegat mid-difensur taghha fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2000 fejn informa lill-Qorti li ghall-kompletezza ta' dawn il-proceduri kien necessarju li l-attrici tistenna l-ezitu ta' proceduri quddiem il-Qorti ta' l-Appell. Effettivament fis-seduta tad-19 ta' Jannar 2001 hija pprezentat zewg dokumenti:- sentenza ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, fl-ismijiet "Mary Grech vs Reno Grech et" deciza fis-26 ta' Gunju 1998 u decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tat-22 ta' Novembru 2000 fejn appell minn din is-sentenza gie ddikjarat dezert.

Ikkunsidrat:-

Illi n-nuqqas ta' interess li wera l-konvenut f'dawn il-proceduri huwa ssorpassat biss bin-nuqqas ta' interess li jidher li wera fit-tmexxija tan-negozju tieghu stess. Dan in-nuqqas ta' interess johrog bl-aktar mod lampanti mix-xhieda li ta l-istess konvenut minkejja illi huwa kkorroborat ukoll mix-xhieda

moghtija mill-attrici. Apparti milli x-xhieda tal-konvenut hija inkonsistenti fiha nnifisha minnha jirrizulta li dak iddikjarat mill-konvenut fir-risposta tieghu mhux minnu. Il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita li forsi dan in-nuqqas ta' interess seta' kien ikkagunat minn mard u/jew depressjoni qawwija li kellu l-konvenut. Bhala fatt pero' jirrizulta illi n-negozju li minnu kienet tghix din il-familja gie totalment ittraskurat u li l-istess konvenut ma wera ebda hajra partikolari biex jindika li kien sejjer jipprova jirravvivah. Normalment negozjant biezel aktar jistinka meta s-suq ikun hazin biex ikun jista' jzomm l-istess livell ta' ghixien u negozju li kellu meta s-suq kien tajjeb. F'dawn il-kummenti l-Qorti qed takkorda bis-shih dak li l-Inglizi jsejhu bhala mhux biss *the benefit of the doubt* pero' *the full benefit of the doubt* ghax ezami tas-sentenza tas-26 ta' Gunju 1998 fuq indikata tindika illi l-konvenut seta' kellu hsibijiet ohra fir-rigward ta' dan in-negozju.

Forsi ta' importanza ugwali jekk mhux superjuri mil-lat fattwali hija s-sitwazzjoni tad-dar matrimonjali - dik li fiha tghix l-attrici maz-zewgt itfal tal-kontendenti li wahda minnhom ghadha minorenni. Mhuwiex ikkontestat u l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita illi n-negozju ta' l-attur jew/u dak tas-socjeta' Merger Enterprises Limited li fiha l-attur huwa s-socju

principali (u hawn ukoll issir piena riferenza ghas-sentenza fuq citata) jahdem, kif jahdmu diversi negozji ohra permezz ukoll ta' facilitajiet bankarji b'forma ta' *loan* jew *overdraft*. Skond l-attrici (ara fol. 62 sa 69 tal-process) din id-dar matrimonjali hija ipotekata favur il-Bank b'garanzija ghal dawn il-facilitajiet.

Ir-ragunijiet fuq moghtija, fil-fehma tal-Qorti, huma ragunijiet sufficjenti biex jiggustifikaw dak li qed jintalab mill-attrici w il-Qorti ghalhekk trid tezamina jekk din il-gustifikazzjoni tinkwadrax ruhha fil-parametri ta' dak li tipprovdi l-ligi.

L-Artikolu 1325 (1) tal-Kodici Civili jipprovdi:

> "*Il-Qorti kompetenti ta' gurisdizzjoni kontenzjuza tista' fuq talba ta' parti fiz-zwieg tordna li l-parti l-ohra tkun eskluziva jew b'mod generali jew limitat ghall-ghanijiet jew atti partikolari, mill-amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, meta l-parti l-ahhar imsemmija -*
>
> *(a) ma jkollhiex hila amministrattiva;  jew*
>
> *(b) tkun amministrat hazin il-komunjoni;*

> *u f'kull kaz bhal dan l-amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti tghaddi, sal-limiti ta' l-eskluzjoni ta' dik il-parti, ghand il-parti li ma tkunx hekk eskluza.*"

Din il-Qorti kellha gia' l-okkazzjoni tezamina l-poteri taghha taht il-provvedimenti tas-Sub-Titolu III tal-V Titolu tat-II Taqsima tat-Tieni Ktieb tal-Kodici Civili liema Sub-Titolu gie ghal kollox sostitwit bl-Att XXI tal-1993. B'riferenza ghall-Artikolu 1323 fil-kaz "Jennifer Debono pro et vs Rohan Debono" (20 ta' Ottubru 2000) kienet iddikjarat "*Jidher illi dan l-Artikolu jista' jigi invokat mill-wiehed mill-konjugi anke fejn ma jkunx hemm kawza ta' separazzjoni pendenti bejniethom u l-Qorti almenu f'dan l-istadju, ghax dan il-kamp ta' dritt ghadu pjuttost innovattiv, ma tarax li ngabulha ragunijiet sufficjenti ghax ghandha tillimita l-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu proprju ghal dawk il-kazijiet fejn ma hemmx kawza ta' separazzjoni.*" L-istess principju ghandu, bla dubbju, japplika wkoll ghal dan l-Artikolu u cioe' l-Artikolu 1325. Ghandu jigi wkoll osservat illi l-mod kif inhu redatt dan l-Artikolu jirrikjedi biss li xi parti fiz-zwieg taghmel "talba" lill-Qorti. Mhuwiex specifikat il-forma jew il-mod ta' kif ghandha ssir din it-talba. L-Artikolu 125 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi: "*Fil-Qrati*

*Superjuri u fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-Kompetenza taghha Superjuri, ordinarjament, jitmexxa b'citazzjoni jew b'rikors, skond ma tghid il-ligi.*" Fejn pero' l-ligi ma tghidx b'mod specifiku din il-Qorti tifhem illi sew ic-citazzjoni sew ir-rikors ghandhom ikunu mezzi idoneji li permezz taghhom tista' ssir din it-talba.

Konsiderat dawn il-punti kollha ta' fatt u ta' dritt il-Qorti qieghdha tilqa' l-ewwel zewg talbiet attrici bl-unika limitazzjoni illi l-eskluzjoni tal-konvenut minn kwalunkwe negozju sew gestit personalment minnu sew tramite s-socjeta' "Merger Enterprises Limited" ghandu japplika biss ghan-negozju li jifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ghax huwa biss f'dan ir-rigward illi l-Qorti hija vestita b'dan il-poter specjali a tenur ta' l-istess Artikolu 1325.

L-ispejjes huma riservati.

Finalment a tenur tas-sub-artikolu (3) ta' l-Artikolu 1325 il-Qorti trid illi din l-ordni tigi notifikata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku tramite r-Registratur ta' dawn il-Qrati w ir-rikorrenti ghandha ghalhekk tiehu hsieb illi l-partikolaritajiet rikjesti mill-

istess sub-artikolu huma a disposizzjoni ta' l-istess Registratur tal-Qrati.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.